MALTA

# TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR

**GUDIKATUR DR.
JOSEPH BONNICI**

Seduta ta' l-1 ta' Novembru, 2004

Talba Numru. 872/2003

**Mobisle Communications Ltd**

**Vs**

**Mortimer Elaine Kathryn**

It-Tribunal,

Wara li ra t-talba attrici ghal hlas tas-somma ta’ Lm361 (tlett mija u wiehed u sittin lira Maltin) dovuti ghal servizzi ta’ telefonati cellulari.

Bl-ispejjez inkluzi dawk tal-ittra ufficjali datata 28 ta’ Frar 2003 u tal-mandat ta’ sekwestru prezentat konteswalment kontra l-konvenuta ingunta ghas-subizzjoni.

Wara li rat in-Nota, tal-mistoqsijiet ta’ l-attur sabiex il-konvenut iwiegeb ghalihom bil-gurament u b’hekk il-kreditu jigi pruvat ai termini tal-Art 698 (2) u 702 tal-Kap 12 u Art 13 (b) tal-Kap 380.

Billi ghalkemm notifikat regolarment fis-7 ta' Gunju 2004 il-konvenut naqas u ma dehrx meta gew ipprezentati fit-18 ta' Ottubru 2004 l-kapitoli u lanqas illum, u n-Nota tal-mistoqsijiet tisthoqq li tkun emnuta u ghalhekk ghandha tittiehed bhala mistqarra.

Jiddeciedi billi jilqa it-talbiet attrici bl-ispejjez u interessi kif mitluba.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------